MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 343/2004

**Emanuel Ellul**

**vs**

**Citadel Insurance plc**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar, 2004 fejn intalab illi t-Tribunal:**
**(a) Jillikwida favur tal-attur l-indennizz dovut lilu mis-socjeta` konvenuta a tenur ta' polza ta' assikurazzjoni numru 058144-28/02 mahruga mill-istess socjeta` konvenuta fir-rigward ta' vettura Lada Estate numru BOB-068 propjeta` tal-attur wara li avvera ruhu riskju li kien kopert mill-istess polza u li huwa mertu ta' Claim Nru.57/2003; u**
**(b) jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez gudizzjarji;**

**Ghall-fini ta' kompetenza l-attur jiddikjara li l-indennizz dovut lilu ma jeccedix l-ammont ta' elf u hames mitt lira (Lm1500.00)**
**L-attur qed jirriserva kull azzjoni ghad-danni lilu spettanti skond il-Ligi.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' April, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jillikwida l-indennizz dovut lill-attur mis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00), u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma msemmija ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum mill-31 ta' Mejju, 2001, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------